MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 706/2002

**Kevin u Jennifer konjuġi Borg**

**-vs-**

**Raymond Zammit u Joseph Andrews**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata fl-20 ta' Ġunju 2002 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond 16, Abraham Gatt Street, Cospicua;

U illi l-konvenuti, jew min minnhom, kienu delegati mill-atturi sabiex jagħmlu xogħol fil-fond tal-atturi fuq imsemmi;

U illi qabel ma’ l-konvenuti jew min minnhom bdew ix-xogħlijiet in kwistjoni l-fond tal-atturi kien fi stat tajjeb ta’ manutenzjoni u riparazzjoni;

U premess illi x-xogħol magħmul mill-konvenuti jew min minnhom ma sarx skond is-sengħa u l-arti, u dan kif jista’ jiġi ċċertifikat minn perit arkitett;

U illi l-atturi ħallsu lill-konvenuti jew min minnhom s-somma ta’ disat elef u sitt mitt lira Maltin (Lm9,600) akkont tax-xogħol in kwistjoni li kellu jsir fi żmien stipulat, liema xogħol pero’ ma sarx u għalhekk l-ammont imħallas huwa bil-ferm eċċessiv għax-xogħol li effettivament sar sal-lum;

U illi minn dawn ix-xogħlijiet irriżultaw danni inġenti li jirrikjedu riparazzjonijiet u liema riparazzjoni għad iridu jiġu likwidati, bħala ħsara li saret u li għad trid tissewwa;

U illi l-konvenuti jew min minnhom, għalkemm interpellati sabiex iħallsu d-danni minnhom ikkawżati, baqgħu inadempjenti u dan minkejja d-diversi ittri legali u uffiċjali mibgħuta lilhom;

Jgħidu għalhekk il-konvenuti, jew min minnhom, il-għaliex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa u neċessarja, m’għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-maggiorparti tax-xogħol li kienu delegati jagħmlu l-konvenuti jew min minnhom u li għalih l-atturi ħallsu l-ammont ta’ disat elef u sitt mitt lira Maltin (Lm9,600) ma sarx, u li x-xogħol limitat li sar, ma sarx skond is-sengħa u l-arti;

2. Tiddikjara lil konvenuti jew min minnhom responsabbli għad-danni li ġew ikkawżati fil-fond numru 16, Triq Abraham Gatt, Cospicua;

3. Tillikwida d-danni kkaġunati mill-konvenuti f’somma li tista’ tiġi likwidata okkorrendo bl-operat ta’ periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, jirrifondu s-somma ta’ disat elef u sitt mitt lira Maltin (Lm9,600) fuq imsemmija lill-atturi kif ukoll iħallsu lill-istess atturi s-somma ulterjuri likwidata u dikjarata bħala dovuta minnhom *in linea* ta’ danni kif fuq imsemmi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nkluż dawk tal-ittri uffiċjali kontra l-istess konvenuti jew min minnhom, li huma minn issa nġunti sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, ppreżentata fil-21 ta’ Novembru 2003, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Preliminarjament, in-nullita’ tac-ċitazzjoni *stante* li l-proċeduri bil-miktub ma ġewx magħluqa fiż-żmien perentorju ta’ sitt xhur mill-preżentata tal-istess hekk kif stabbilit mill-Artikolu 963 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Illi t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess socjeta’ attriċi *stante* li dawn it-talbiet huma preskritti skond il-liġi;

3. Illi kull xogħol tal-konvenuti kien magħmul skond is-sengħa u l-arti kif jiġi ppruvat okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

4. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju, it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

5. Illi l-atturi iridu jippruvaw il-ħlasijiet minnhom magħmula;

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut l-iehor Joseph Andrews ma ppeżentax nota tal-eċċezzjonijiet u allura huwa kontumaċi skond il-liġi;

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tal-19 ta' April 2004 li permezz tiegħu ġie nominat l-A.I.C. Mario Cassar bħala espert tekniku u r-rapport tiegħu debitament maħluf;

Rat l-atti processwali;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza ;

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta' attriċi qed titlob ħlas lura ta' flus li huma taw lill-konvenuti għal xogħlijiet li kellhom isiru fi proprjeta' tagħhom billi fil-*maggior* parti dawn ma sarux jew ma sarux skond l-arti u s-sengħa u wkoll id-danni kaġunati minnhom permezz ta' xogħol li ma sarx skond l-arti u s-sengħa.

Qabel ix-xejn il-Qorti qed tiddisponi mill-ewwel żewġ eċċezzjonijiet billi tiċħadhom fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi. Fir-rigward tal-eċċezzjoni tad-deżerzjoni il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Jannar 2003 mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **"Distinct Conversions Limited vs Joseph Fasanelli et"** fejn il-Qorti spjegat fid-dettall illi din l-eċċezzjoni m'hix sostenibbli; anke tgħid illi skond il-Prof. Caruana Galizia l-artiklu nvokat qatt ma kellu jkun applikabbli għal kawżi sommarji (cioe dawk istiwiti b'ċitazzjoni – illum b'rikors) iżda għal procedura antika tal-libell. L-insenjament ta' din il-kawża ġie segwit diversi drabi wara; per eżempju s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Enemalta vs Portelli"** deċiża fl-24 ta' Mejju 2006.

Fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, il-Qrati tagħna segwew l-insenjament ta' Laurent fis-sens illi *la domanda giudiziale interrompe la prescrizione ... la prescrizone e' fondata sull' inazione. Essa non corre quando vi e' azione.* **("Ellul Sullivan vs Dimech" –** Qorti tal-Appell –

13 ta’ Ottubru 1998). Billi għalhekk il-kawża ġiet istitwita fl-20 ta’ Ġunju 2002 u sa nofs is-sena 2001 ix-xogħlijiet kienu għadhom għaddejjin din l-eċċezzjoni m’għandhiex fondament.

Il-perit tekniku wasal għal dawn il-konklużjonijet (fol 90 *et sequitur,* u ċioe’ r-rapport korrettiv);

*“Hija l-opinjoni professjonali tiegħi ... illi l-ammont li ħallsu l-atturi rigward il-ftehim li kellhom mal-konvenuti jammonta għall-ammont ta’ Lm5,700 u mhux Lm9,600 flimkien ma’ somma oħra biex tagħmel tajjeb għax-xogħol ħażin li sar u li jrid jerġa’ jinqala’.*

*Din is-somma għandha sservi biex tkopri x-xogħlijiet mhux skond l-arti u s-sengħa li saru mill-konveunti flimkien ma’ Lm1,500 biex jiġu rranġati x-xogħlijiet ħżiena u li l-istess somma ta’ Lm5,700 tiġi rifonduta biex l-atturi jirrimedjaw għax-xogħol ħażin li sar jew fil-fatt ma sarx. Għalhekk is-somma dovuta lill-atturi għandha tkun ta’ Lm7,200.”*

Il-perit tekniku qal fir-rapport illi x-xogħlijiet saru ħażin u għalhekk ikkonferma t-talbiet attriċi.

L-espert tekniku ġie eskuss mill-konvenut Zammit, l-iktar biex jiġi enfasiżżat illi l-konvenut l-ieħor qatt m’attenda għas-seduti għalkemm dejjem ġie nformat u li parti mill-ħlasijiet saru lilu. Dan pero’ mhux ta’ għajnuna għal Zammit għaliex l-obbligazzjoni tagħhom kienet min-natura tagħha stess waħda kummerċjali u għalhekk huma kienu obbligati solidalment lejn l-atturi. Infatti skond il-Kodiċi tal-Kummerċ, *is-soċju huwa presunti debitur in solidum salv ftehim kuntrarju*. (**“Anthony Azzopardi vs Calcedonio Attard”** – Qorti tal-Appell 27 ta’ Jannar 1998). Skond l-istess konvenut Zammit (fol 198) il-konvenuti kienu ftehmu li jaqsmu l-qliegħ u l-ispejjeż. Lanqas il-fatt li l-konvenut weġġa’ f’inċident sussegwentment, ma jeżonerah mill-obbligu illi jirrifondi l-flus illi ha ta’ xogħol li m’għamilx jew m’għamilx sew.

Il-Qorti għalhekk fuq l-iskorta ta’ diversi sentenzi għalhekk ma tarax għaliex m’għandhiex taddotta u tagħmel tagħha

l-konklużjonijiet tal-espert tekniku. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża deċiża fit-23 ta'Ġunju 1967 fl-ismijiet **"Giswarda Bugeja vs Emanuele Muscat et"** *għalkemm il-Qorti mhux marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijiet tagħha nnifisha, u l-konklużjonijiet peritali bħal materjali istruttorji oħrajn kontrollabbli mill-ġudikant, madankollu 'il giudizio del' arte' espress mit-tekniku ma jistgħux u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta lilha mogħitja b'talba ta' nomina ta' periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi rraġonevoli.*

Il-Qorti pero' tagħmilha ċara illi hija ġiet mitluba biss li tillikwida u tordna ħlas ta' danni li saru fuq il-post; u dan għaliex l-atturi fil-kors tal-kawża donnhom irreklamaw ukoll danni għal fatt li kellhom jikru post ieħor fejn joqogħdu minħabba l-morożita' tal-konvenuti; il-konvenut Zammit anke ffirma skrittura li fiha obbliga ruħu jħallas penali għal kuljum li jdum ma jlesti x-xogħol. Dan il-Qorti ma tistax tiddeċiedi dwaru għaliex mhux mitlub fil-korp taċ-ċitazzjoni.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Zammit u fil-kontumaċja tal-konvenut l-ieħor Andrews tikkundannahom iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' sittax-il elf, seba' mija u wieħed u sebgħin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€16,771.49) – ekwivalenti għal sebat elef u mitejn lira Maltin (Lm7,200).**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------